MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 46/1994/2

**Joseph Grima**

**Vs**

**Francesco Attard, Joseph Borg u b’digriet tat-28 ta’ Jannar, 1999 il-gudizzju gie trasfuz f’isem Carmel Borg, Frank Borg, Grazio Borg, Saviour Borg, Tessie Sciberras u Elizabeth Borg f’isem l-imsefrin Teddy Borg, Rose Bonnici u Dolores Grima.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-10 ta’ Awwissu 1994 li permezz taghha l-attur ippremetta:-

L-attur fuq inkarigu tal-konvenuti esegwixxa xoghol ta’ appalt, konsistenti fl-installazzjoni tas-sistema tad-dawl u tal-ilma, kif ukoll tat-tqeghid tal-katusi tad-drenagg fl-iskola ta’ Kercem, Ghawdex.

L-istess xoghol minnu maghmul u spejjez li ghamel ghax-xiri ta’ materjal, l-attur ghadu kreditur fl-ammont ta’ elf mitejn u disgha u sittin lira Maltija (Lm1,269).

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dawn baqghu inadempjenti in kwantu huma jippretendu li ghandhom ihallsu biss is-somma ta’ mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm124.54).

Talab ghalhekk l-attur ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf mitejn u disgha u sittin lira Maltija (Lm1,269) dovuti lilu ta’ xoghol ta’ stallazzjoni tad-dawl u ilma u tat-tqeghid ta’ katusi tad-drenagg u spejjez minnu minfuqa ghax-xiri ta’ materjal ghall-ezekuzzjoni tal-istess appalt.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet (fol. 14) prezentata fid-29 ta’ Awwissu 1994 il-konvenuti eccepew:-

1. In-nullita’ tac-citazzjoni billi l-attur naqas li jipproduci mac-citazzjoni d-dokumenti kollha fosthom kont dettaljat sabiex jiggustifika t-talba tieghu.
2. Fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. L-atturi qeghdin jikkontestaw din ic-citazzjoni billi ma hux minnu li huma qatt taw xi appalt lill-attur ghal xoghol fl-iskola ta’ Kercem.
4. Kienet x’kienet ir-relazzjoni ta’ bejniethom, l-ammont pretiz mill-attur m’huwiex dovut.

Rat l-atti tal-kawza kollha fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Mejju 2004 (fol. 252-256).

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni l-konvenuti jsostnu li c-citazzjoni hi nulla ghaliex *"….l-attur naqas li jipproduci mac-citazzjoni dokumenti kollha fosthom kont dettaljat sabiex jiggustifika t-talba tieghu"*. Il-konvenuti ma ndikawx a bazi ta' liema paragrafu tal-Artikolu 789 tal-Kap. 12 qeghdin jibbazaw din l-eccezzjoni. Dan apparti l-fatt li l-konvenuti ma ndikawx liema huma d-dokumenti li jippretendu li kellhom jigu annessi mac-citazzjoni, ghajr ghall-kont dettaljat. Effettivament ma' l-att tac-citazzjoni gie prezentat dokument forma ta' kont (fol. 7) kif ukoll dokument iehor (pagna 8 u 9) imhejji mill-konvenuti dwar l-ammont li jippretendu li ghandu jircievi l-attur. Hu minnu li l-ligi tipprovdi li mac-citazzjoni l-attur ghandu jipprezenta d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba (Artikolu 156 tal-Kap. 12). Dan il-provvediment hu ntiz sabiex konvenut ikollu konjizzjoni sufficjenti tal-mezzi ta' prova bil-miktub li bihom l-attur ikun irid juri l-fatti li fuqhom hi bazata t-talba tieghu. B'dan il-mod il-konvenut ikun jista', kif jigi notifikat bic-citazzjoni u jaqraha, ikun jaf il-bazi ta' l-azzjoni u l-bazi dokumentarja taghha ghal dak li jkun irid minnu l-attur sabiex ikun jista' jammetti jew jipprepara ruhu ghal difiza lit kun gusta. Pero' mkien fil-ligi ma jinghad li dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni. Jekk kien hemm xi nuqqas f'dan is-sens, lanqas ma jista' jinghad li l-konvenut sofra xi pregudizzju, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li l-konvenuti qeghdin isostnu li ma taw l-ebda inkarigu lill-attur. Dan apparti l-fatt li l-gurisprudenza tidher li hi fis-sens li l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 jittratta dwar *"dawk id-dokumenti li ma jkunx jaf bihom il-konvenut, jew ghall-anqas dawk id-dokumenti li l-ezibizzjoni taghhom hija talment necessarja illi minghajrhom il-konvenut ma jkunx jista' jiddefendi ruhu (Kollez. XXVIII.iii.1221)"* (ara **Anthony Cini vs Dolores Cini** deciza fil-5 ta' Mejju 1955 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili – Vol. XXXIX.ii.639). Jinghad ukoll li anke f'dik il-gurisprudenza fejn il-Qrati kienu ghadhom jinsistu fuq l-aspett tal-formalizmu, fejn l-attur ikun naqas milli jipprezenta d-dokumenti dan ma kienx iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni. Pero' kien fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tippermettix li jigu prezentati dokumenti ohra mill-attur fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza

(ara per ezempju kawzi fl-ismijiet **Emmanuela sive Lily Schembri vs Marco Aroyo** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1949 (Vol. XXXIII.ii.446) u **Kur. Stephen J. Borg vs AIC Gustavo Romeo Vincenti** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1949 (Vol. XXXIII.i.535).

Inoltre, meta wiehed jara l-atti tal-kawza jirrizulta li fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-attur rega' pprezenta l-istess dokumenti li pprezenta ma' l-att tac-citazzjoni (fol. 117-118 u 124) u *bill of quantities* (fol. 119-123) li gie wkoll prezentat mill-konvenut Joseph Borg (fol. 161-165). Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jidhirx li l-attur kellu iktar dokumenti x'jipprezenta. Inoltre, hu principju kardinali li n-nullita' tal-att gudizzjarju hi sanzjoni estrema li l-ligi trid timponi biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. Ragunijiet li zgur li ma jezistux fil-kaz odjern. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hi ghal kollox infondata.

2. Fil-meritu, il-kaz jittratta dwar diversi xogholijiet li saru fl-iskola ta' Kercem, Ghawdex. Il-konvenuti jaccettaw li huma kienu nghataw appalt mill-kumpannija Sea Civil Engineering Company Limited. Fil-fatt fid-dikjarazzjoni guramentata prezentata man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom (fol. 15) iddikjaraw:- *"Illi l-konvenuti kienu gew allokati appalt mill-kumpannija Land Sea Civil Engineering Company Limited……"*. Fis-seduta tal-4 ta' Gunju 1999, il-konvenut Francesco Attard rega' kkonferma li l-appalt inghata lill-konvenuti (fol. 188).

3. Lanqas m'hemm kontestazzjoni li x-xoghol ta' dawl u ilma f'din l-iskola sar mill-attur. Pero' l-konvenuti qeghdin isostnu li huma qatt ma nkarigaw lill-attur, u dan in kwantu ma kellhomx bzonn lill-attur ghaliex kellhom bizzejjed nies sabiex jaghmlu dan ix-xoghol. Jirrizulta li n-nies li rreferew ghalihom il-konvenuti huma haddiema li dak iz-zmien

kienu jifformaw parti mill-Korp tad-Dejma, u li skond il-konvenuti kienu l-unici nies li setghu jahdmu fuq dawn it-tip ta' progetti. Il-konvenut Francesco Attard (fol. 189) xehed:- *"Le, le, ahna ma stajniex naghtuh xoghol ghax huma ghamlulna kundizzjoni li ma nistghu nqabbdu lil hadd hemm gew. U x-xoghol li ghamel dan diga' kellna tlieta min-nies lesti biex jahdmuh. U x'hin konna ser inqabbduhom fuq ix-xoghol, l-ghada naraw wiehed kien ma' Lorry Apap, u Lorry Apap kien qed ighidlu x'jaghmel u ma jaghmilx"*. Il-konvenuti nsistew li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn max-xoghol tad-dawl u ilma li sar fl-iskola in kwantu dan ha hsiebu l-attur li sabuh jahdem hemm. Verzjoni li hi kontradetta in kwantu:-

(a) **<u>Mix-xhieda moghtija mit-tabib Dr. Michael Vella Haber</u>** li kkonferma li kienu l-konvenuti li nkarigaw lill-attur biex jaghmel ix-xoghol ta' dawl u ilma (ara xhieda moghtija fis-seduta tas-7 ta' Frar 1995 (fol. 23-33):- *"Il-kuntratt ta' l-iskola ta' Kercem inghata lil Borg u lil Attard bhala kuntratt globali ta' skola. Imma mbaghad il-kuntratt tad-dawl lil Joseph Grima inghata minn Borg u minn Attard, mhux mill-Gvern jigifieri. Inghata mill-kuntratturi principali illi kienu qeghdin jiehdu hsieb l-iskola. Jigifieri bil-kunsens taghhom u bi qbiel maghhom illi l-kuntrattur tad-dawl dahal l-iskola jaghmel dan ix-xoghol"* (fol. 27). Ix-xhud kompla jispjega, *"Issa lil Joseph Grima jiena hadtu fuq il-post tax-xoghol, u tkellem ma' Borg u ma' Attard fuq ix-xoghol illi hemm bzonn. Maghhom kien jikkordina illi hemm bzonn isir"* (fol. 32). Hu minnu li meta rega' xehed fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2006, dan ix-xhud qal li sar jaf li l-attur kien tqabbad jaghmel dan ix-xoghol mill-konvenut Francesco Attard ghaliex qallu l-attur. Pero' l-Qorti tqies li l-ewwel verzjoni moghtija mix-xhud (kwazi hdax-il sena qabel) bhala dik verosimili. Mit-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija fis-seduta tas-7 ta' Frar 1995 ix-xhud kien car u konsistenti f'dak li qal, u baqa' jinsisti li kien hu li ressaq lill-attur mal-kuntratturi (cjoe' il-konvenuti) sabiex jaghtuh ix-xoghol tad-dawl u ilma, u eventwalment qabbduh jaghmel dan ix-xoghol.

(b) **Mix-xhieda ta' Joseph Sciberras** (seduta tal-24 ta' Mejju 1995):- *"illi fuq il-post,* ***il-konvenut Joseph Borg kien indikalna lill-attur bhala sub-contractor li kien ghamel xoghol tad-dawl u ilma u li kien hu li kien se jindikalna x-xogholijiet illi fil-fatt kien ghamel****"* (fol. 72). Pero' tant il-konvenuti kienu responsabbli wkoll mix-xoghol tad-dawl u ilma li anke meta sar il-kejl tax-xoghol li twettaq mill-attur, il-konvenuti kienu prezenti (ara f'dan is-sens xhieda moghtija mill-istess Joseph Sciberras (fol. 72) u Dennis Schembri); *"l'appaltatore organizza i mezzi necessari e assume la gestione a proprio rischio; normalmente e', dunque, un imprenditore"* (Andrea Torrente, Piero Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato* 11 Edizione, Giuffre' Editore, pagna 569).

(c) **Mix-xhieda ta' Lorry Apap** (seduta tal-14 ta' Mejju 2007) li kkonferma li hu kien imur jara l-progress tax-xoghol u l-ordnijiet kien jaghtihom direttament lill-konvenuti. Baqa' jinsisti li hu dejjem lill-kuntrattur kien ikellem, u *"f'dan il-kaz il-kuntratturi kienu Francesco Attard u Joseph Borg. Jien ma nafx kif l-attur jidhol fih dan il-kaz, jigifieri dwar dawn ix-xogholijiet"*. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2006 l-istess xhud wiegeb hekk ghal domanda tad-difensur ta' l-attur:-

*"Dr. Anton Refalo:-.Ma' Grima kellek xi darba xi relazzjoni dwar xoghol hazin jew kif ghandu jsir u hekk jew ix-xoghol kif ghandu jsir u fejn ghandu jsir lilhom taf inti ?*

*Xhud: Le, le. Jien lilhom biss naf. Kont naf li Grima kien ikun hemm l-iskola ghax kont narah, meta kont immur naghmel l-'inspection' kont narah hemm. Pero' jekk kien ikun hemm x'objection jew xoghol hazin jew xoghol zejjed jew xoghol li ma ghandux isir, jien ma kellix x'naqsam mas-sub contractor, kien ikolli x'naqsam mal-kuntrattur"*.

Il-Qorti m'ghandix dubju li gialadarba x-xogholijiet ta' dawl u ilma kienu nkluzi fl-appalt li kienu nghataw il-konvenuti, bhala kuntratturi tal-progett ghamlu uzu mis-servizzi tal-attur li ghandu jithallas ghax-xoghol li ghamel. Ghalkemm mill-provi ma jirrizultax min stabbilixxa r-rati ta' hlas li

qieghed jippretendi l-attur ghax-xoghol li ghamel, anke jekk dawn ma gewx stabbiliti mill-attur b'daqshekk ma jbiddilx ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti. Mill-provi rrizulta wkoll kif fil-kaz ta' proggetti fejn kien involut il-Gvern, ir-rati ta' hlas kienu jigu stabbiliti mill-Gvern fil-konfront tal-kuntrattu (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Lorry Apap fis-sedut tat-28 ta' Marzu 2006).

Inoltre, dan l-istess xhud ikkonferma[1] li kien hemm kazijiet fejn ix-xoghol ma jsirx mill-haddiema tad-Dejma, kuntrarjament ghal dak li ddikjara l-konvenut Francesco Attard:-

*"Xhud:- peress li dan kien exercise biex inhaddmu l-haddiema, ingibu l-haddiema minn Malta, dawn ma kinux haddiema daqshekk intizi f'certu xoghol. Allura bilfors, per ezempju fejn kien jirrikjedi certu xoghol, per ezempju fl-iskejjel jew heavy reinforcement, per ezempju kellna t-triq taz-Zebbug u t-triq tax-Xatt u hekk, bilfors trid tqabbad sub contractor.*

*Dr. Anton Refalo:- jew ilma u dawl, hux hekk ?*

*Xhud: Jew Ilma u Dawl. Jekk ikun il-kunrattur li nkunu qabbadna f'dik l-iskola jew x'imkien jew San Frangisk fejn waqqajna, ma jkollux haddiema bizzejjed jewkapaci minn dawn tad-Dejma bilfors kien ikollhom…*

*Dr. Anton Refalo:- U min kien iqabbdu dan is-sub-contractor, intom jew ?*

*Xhud:- le, le. Is-sub Contractor ma konna nqabbduh xejn ahna. Kien iqabbdu l-kuntrattur"*.

(d) Mill-fatt li l-pagamenti akkont li rcieva l-attur kienu saru mill-konvenuti. Ma jirrizultax li d-Dipartiment tax-Xogholijiet kien ihallas direttament lill-attur jew li kellu xi relazzjoni guridika direttament mieghu. Tant hu hekk li anke meta sar il-kejl tax-xoghol minn Dennis Schembri

[1] Fl-istess seduta.

(*quantity surveyor*) dan ikkonferma li l-attur kien sub-appaltatur u li hu ma kienx irid jaghtih ebda informazzjoni jekk mhux bil-kunsens tal-konvenuti peress li dawn kienu il-kuntratturi u bhala tali huma kienu responsabbli [ara xhieda moghtija fis-seduta tal-25 ta' Ottbru 1995 fol. 86-108)].

(e) Mill-provi rrizulta kif il-hlas mid-Dipartiment tax-Xogholijiet sar kollu direttament lill-konvenuti, bhala l-kuntratturi. Il-valur kien ta' tlieta u tletin elf hames mija u tmien liri Maltin u tletin centezmu (Lm33,508.30) (fol. 171) li parti minnhom kienu jkopru l-pagi tal-haddiema tad-Dejma li hadmu fuq il-progett (tmint elef sebgha mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu [Lm8,737.85]). L-appalt li nghataw il-konvenuti kien jinkludi x-xoghol fis-sistemi tad-dawl u tal-ilma. Fil-konfront tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ghalkemm ix-xoghol tad-dawl u ilma twettaq mill-attur, il-konvenuti kienu responsabbli. L-obbligazzjoni tal-appaltatur ghandha bhala oggett ir-rizultat tal-attivita' tieghu (*opus*), u l-kommittent ghandu d-dritt qabel jircievi x-xoghol li jkun sar li jaghmel il-verifiki tieghu u jara li l-affarijiet saru kif titlob is-sengha u l-arti. M'huwiex minnu dak li argumenta l-konvenut Francesco Attard fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-attur *"gie ngaggat biex jaghmel xoghol li ma kienx ikkuntemplat fix-xoghol originali"* (fol. 218) ghaliex il-provi juru mod iehor.

(f) Irid jigi sottolinejat li l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova dwar min seta' qabbad lill-attur biex jaghmel dan ix-xoghol jekk kif ighixu, ma kienux huma. Fis-seduta tat-18 ta' Frar 2000, il-konvenut Francesco Attard xehed li l-attur kien tqabbad jaghmel ix-xoghol ta' dawl u ilma mit-tabib Dr. Michael Vella Haber (fol. 196). Dikjarazzjoni li ma ssib ebda korraborazzjoni fil-provi li ressqu l-konvenuti. Anzi fid-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 15) il-konvenuti ddikjaraw li *"illi l-konvenut gie inkarigat mis-superjuri taghhom ossia mir-rappresentanti tal-appaltatur sabiex jaghmel ix-xoghol ta' stallazzjoni elettrika"*. F'kull kaz ix-xoghol li ghamel l-attur

kien parti minn kuntratt ta' appalt wiehed li ghalih kienu responsabbli l-konvenuti, tant li kif rajna mill-provi ghal kull haga li kien hemm bzonn min-naha tal-appaltant kien jikkomunika direttament mal-kuntrattur (il-konvenuti). Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss l-attur ma giex inkarigat direttament mill-konvenuti[2], bl-agir taghhom gew li implicitament accettawh sabiex jaghmel ix-xoghol ta' dawl u ilma li kien parti mill-kuntratt ta' appalt li nghataw huma. Dan apparti l-fatt li ghalkemm il-konvenuti jghidu li f'dak iz-zmien kien hemm hafna tahwid, m'hijiex skuza valida biex jipprovaw jaharbu mir-responsabbilta' li ghandhom u jhallsu lill-attur ghax-xoghol li ghamel. Wara kollox huma rcevew wkoll il-flus minghand id-Dipartiment tax-Xogholijiet ghax-xogholijiet li ghamel l-attur. Dan wara kollox hu wkoll konfermat mill-pagamenti akkont li l-konvenuti ghamlu lill-attur.

4. Fir-rigward tal-*quantum* l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenuti s-somma ta' elf mitejn u disgha u sittin lira Maltija (Lm1,269) bilanc minn somma akbar ghax-xoghol li ghamel. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partjiet li dan ix-xoghol sar mill-attur. Hekk ukoll m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kont, fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm3,677). Tant hu hekk li fil-konteggi li ghamlu l-konvenuti (ara dokument a fol. 9) ix-xoghol ta' dawl u ilma hu mnizzel fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm3,677). Dan juri li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar din ic-cifra. Dan apparti l-fatt li mill-provi rrizulta (ara xhieda ta' Lorry Apap) li bhala rati kienu jigu stabbiliti mill-Gvern. Issa, skond il-kalkoli li ghamlu l-konvenuti kull ma fadallu jircievi l-attur hi s-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm124.54). Mela anke l-konvenuti qeghdin jirrikonoxxu li xi relazzjoni guridika mal-attur kienet tezisti, in kwantu qeghdin jammettu li huma debituri tieghu pero' mhux ghas-somma ta' Lm1,269. Kemm fir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti (fol. 245) u kif ukoll fit-trattazzjoni orali li saret mid-difensur

---

[2] Fis-seduta tat-23 ta' April 1996 il-konvenut Joseph Borg xehed li lill-attur *"...sibnih jahdem hemm"*.

tal-konvenuti, abbraccjaw it-tezi li kien hemm kuntratt bejn il-kontendenti pero' dan ma kienx wiehed ta' appalt izda *sui generis*. Tezi li din il-Qorti ma taqbilx maghha. Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li mill-provi rrizulta li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet li mill-ammont li kellu jithallas lill-attur kien hemm il-persentagg ta' l-ispejjez globali li saru f'dan il-progett.

Il-Qorti tistqarr li m'hijiex tifhem il-logika wara l-konteggi li ghamlu l-konvenuti. Mid-dokument imhejji mill-konvenuti jidher li huma kkalkolaw x'kien il-persentagg ta' l-ispejjez li ghamlu (Lm11,781.38) mid-dhul gross (Lm33,508.30) ta' dan il-progett. Skond il-kalkoli li ghamlu l-konvenuti, il-persentagg ta' l-ispejjez fuq il-progett kollu kien ta' 35.15%. Mill-ammont dovut lill-attur naqsu dan il-persentagg (elf mitejn u tnejn u disghajn lira Maltija u erbgha u sittin centezmu [Lm1,292.64]) sabiex b'hekk waslu ghall-konkluzjoni li ***"Ammont li irid jithallas lil Guzepp Grima Lm124.54"***. Mela l-konvenuti qeghdin jippretendu li l-attur jaqta' mill-ammont dovut lilu persentagg ta' 35.15%, ekwivalenti ghall-persentagg ta' l-ispejjez relatati mal-valur globali tal-progett. Pero' dan fuq liema bazi ? Il-Qorti mhi tara l-ebda relazzjoni mal-valur ta' xoghol li ghamel l-attur. Mill-provi ma rrizultax li l-kontendenti kienu shab f'dan il-progett, ghaliex f'dik l-ipotezi l-attur kien ikollu dritt li jircievi sehemu mill-qliegh li jibqa' wara li jinqatghu l-ispejjez. Min ikun sieheb ma jippartecipax biss fl-ispejjez. Dan apparti l-fatt li mill-atti lanqas ma jirrizulta li l-konvenuti qeghdin jargumentaw li l-kontendenti kienu shab, in kwantu hu car li mill-kalkoli li ghamlu qed jippretendu li **<u>jitnaqqas biss</u>** persentagg li jirreferi ghall-ispejjez relatati mal-progett u xi spejjez ohra. Ghalkemm hu minnu li l-attur ma kienx involut fil-parti tax-xoghol l-iehor li sar f'dan il-progett, fl-istess hin il-konteggi li ghamlu l-konvenuti kienu bazati fuq l-ispejjez li saru wkoll fir-rigward tax-xoghol l-iehor li ma kellux x'jaqsam mieghu l-attur. Hu minnu wkoll li fil-kalkoli li ghamel l-attur naqqas 2.3% mill-ammont dovut lilu, pero' spjega kif dan il-persentagg kien qieghed jinqata' mill-pagamenti li kienu qeghdin jaghtuh il-konvenuti u hu accetta. Kien ghalhekk li hu addotta l-istess procedura. B'daqshekk dan ma jfissirx li bejn il-kontendenti kien hemm xi ftehim ta' socji jew li l-

attur kien qieghed jaqta' mill-kont dak li kien jidhirlu li kien sehem li kellu jikkontribwixxi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

(1) Tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li c-citazzjoni hi nulla ghar-raguni moghtija mill-konvenuti.
(2) Fil-meritu tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-konvenuti u tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuh is-somma ta' elf mitejn u disgha u sittin lira Maltija (Lm1,269) bl-imghax kif mitlub.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------